**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEġISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA**

**12 ta' AWWISSU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sur Ignatius Farrugia, s-Sinjura Rita Grima, Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**5.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

5.1.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa lis-Sindku jekk waqt il-laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar tkellimx fuq il-punt imqajjem fl-aħħar seduta, fejn il-Kunsill ippropona li fiż-Żurrieq ma jkunx hemm wardens wara s-19:30.

Is-Sindku qal li minħabba li fl-aħħar seduta tar-Reġjun nofsinhar ma attendiex ser jitkellimha f'seduta tar-Reġjun li jmiss.

5.1.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-Kunsill kellux xi komunikat mill-Avukat fuq il-kwistjoni tal-konfini Zurrieq/Safi. Hi wieġbet fin-negattiv u qalet li ser tibgħat tfakkar lill-avukat fuq il-każ.

5.1.3 Fir-rigward ta' punt 4.9.2, il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ġaladarba ma kienx hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta fuq il-linji sofor li saru, hu jiddiżassoċja ruħu minnhom għax ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jagħmel sinjali bla permess.

5.1.4 Fir-rigward ta' punt 4.9.10 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-laqgħa li talbu Wastecollection Ltd biex issir fil-preżenza tal-avukat tal-Kumpanija, tħassret mill-istess kumpanija. Issa l-Kunsill ġie mitlub mill-kumpanija biex il-Kunsill jiffissa data oħra għal-laqgħa.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li mill-aħħar seduta tal-Kunsill sal-lum, l-affarijiet marru għall-agħar minflok tranġaw u dak kollu li sar b'xogħol ta' leġislatura preċedenti, mill-kumpanija preċedenti, qed imut u jinqered.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi bagħtek lill-ħaddiema tal-IPSL fil-ġonna biex inaddfuhom huma, mill-ħmieġ li qed ikun fihom.

Kien hemm qbil li jintalab appuntament fl-immedjat mal-avukat tal-Kunsill u l-kumpanija Wastecollection Ltd.

5.1.5 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li fir-rigward ta' punt 4.9.8, il-Kunsill għandu jkun ċert ta' min hu s-sit qabel jirrapporta.

Kien hemm qbil li min jista jiċċekja ħalli jkun jista jiġi rrappurtat il-każ.

5.1.6 Fir-rigward ta' punt 4.9.7 fejn jirrigwardja dawl fi Sqaq ir-Rikk, minħabba l-ispiża finanzjarja li tiġi lampa ġdida, kien hemm qbil li ssir lampa waħda fis-sena finanzjarja 2016. Kien hemm qbil ukoll li qabel ma tkun installata lampa ġdida jkun żgurat li tali lampa titwa]]al fil-konfini taż-Żurrieq.

5.1.7 Fir-rigward ta' punt 4.9.13, (art fi Triq Fra Gan Marie Zammit), il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li hu bagħat emails lill-awtoritajiet konċernati, imma baqa' mingħajr risposta. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kuntrattur Polidano Brothers fejn jiġi diskuss is-sit għall-faċilitajiet tal-komunita'.

Fir-rigward tat-Torri tal-Wardija kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tas-Sovratendenza tal-Wirt kulturali Malti u ta' Din l-Art Ħelwa.

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq ħajt tas-sejjieħ li inbena viċin it-Torri tal-Wardija u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tikkonferma mal-MEPA li dan il-ħajt inbena skont il-permessi tal-MEPA. Kien hemm qbil fuq dan.

5.1.8 Fir-rigward ta' punt 4.9.14 il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-maratona li għamel il-Kunsill flimkien maż-Żurrieq FC Nursery kienet suċċess u l-Kunsill preżenta trofew lir-rebbiegħa. Għal din l-attivita' attendew bosta kunsilliera.
Kien hemm qbil li fis-sena li ġejja l-Kunsill ikun lest li jorganizza l-istess attivita'.

5.1.9 Fir-rigward ta' punt 4.9.16 il-Kunsillier Kenneth Farrugia nforma lill-Kunsill, li għalkemm il-Kunsill informa lill-MEPA bl-isfreġju li sar minn individwu fil-limiti tal-kamra tan-nar tal-Madonna tal-Karmnu, ix-xogħol baqa' sejjer u l-ħsara ma kienetx irrimedjata.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb lill-MEPA u jitlob rapport bil-miktub ta' x'passi ser jittieħdu fuq il-każ.

5.1.10 Ġew approvati l-minuti tar-raba' seduta.

## *5.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U SOTTO KUMITATI/ KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*

5.2.1 Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 15

5.2.2 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Turiżmu u l-minuti tal-laqgħa li saret maż-Żurrieq Wolves ASC u l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

5.2.3 Fir-rigward tal-Minuti tas-Sotto Kumitat tat-Turiżmu, l-Kunsillier Dino Bonnici reġgħa ġibed l-attenzjoni fuq ir-restawr tan-niċeċ taż-Żurrieq.
Kien hemm qbil li l-Kunsill javviċina persuna miż-Żurrieq li taħdem mad-dipartiment tar-restawr ta' postijiet storiċi f'Malta, biex tagħti l-għajnuna tagħha fir-rigward.

5.2.4 Fir-rigward tal-minuti taż-żewġ laqgħat li saru mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ, is-Sindku taż-żgħażagħ li hu l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur Kaydem Schembri, informa lill-Kunsill li saret *facebook page* Kunsill Lokali Żgħażagħ Żurrieq u qed jaħdmu fuq proġett

soċjali fejn jidħlu ż-żgħażagħ biex tinħoloq *awareness* fuq l-użu tad-draga, alkahol u sigaretti. Il-Kunsill taż-Żgħażagħ, ser jitlob l-għajnuna tal-Caritas fir-rigward.

Kien hemm qbil li qabel ma l-Kunsill taż-żgħażagħ jimplimenta xi ħaġa li tkun tqajmet fil-laqgħa, din għandha tkun approvata fis-seduta tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali feraħ liż-żgħażagħ għall-ħeġġa li għandhom u ssuġġerixxa biex il-*facebook page* tkun biss paġna ta' informazzjoni u mhux biex tilqa l-ilment għall-Kunsill. Kull ilment minn residenti għandu jidħol privat u wara mgħoddi lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali.

## *5.3 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REġJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK*

5.3.1 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 61.

## *5.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*

5.4.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia nforma lill-Kunsill li ġimgħa ilu saret laqgħa mal-Onorevoli Dr Michael Falzon fir-rigward tal-art fi Triq Gervaze Matthew. Għal din il-laqgħa kienu preżenti hu, l-Kunsillier Joseph D'Amato, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Onorevoli Perit Toni Bezzina bħala perit tal-Kunsill fejn jidħol il-proġett ta' Triq G Matthew.

Il-Kunsilliera Pierre Farrugia u Dino Bonnici qalu li jekk kien hemm il-ħsieb li l-art ma tingħatax lill-Kunsill għall-użu tal-komunita', ma jarawx għalfejn qabel l-elezzjoni saret konferenza stampa fejn kienu preżenti żewġ membri parlamentari.

Is-Sindku qal li l-Onorevoli Dr Michael Falzon wiegħed li ser jgħinn lill-Kunsill u jaħseb li sa seduta oħra l-Kunsill ikollu xi tip ta' komunikat mill-istess Onorevoli.

5.4.2 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu saret attivita' għall-anzjani fil-Mellieħa, fejn kienet suċċess u dawk preżenti ħadu gost.

5.4.3 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera li huma nteressati li jiktbu fil-Kunsill News li għandhom jagħtu l-messaġġ tagħhom sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Awwissu, biex il-Kunsill News ikun jista joħrog sal-aħħar ta' Settembru. Hu qal li mhux ser jaċċetta *writeups* li jaslu tard. Talab biex ma jinkitbux messaġġi ta' negattivita u

battibekki bejn il-Kunsilliera.

Għal żmien il-Milied il-Kunsillier Joseph D'Amato ser jaħseb biex jinħareġ kalendaru simili għal dak li nħareġ is-sena l-oħra, imma din id-darba fuq il-kappelli taż-Żurrieq.

5.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet l-email li l-Kunsill irċieva mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM fejn tirrigwardja l-invit li kellha l-Għaqda Karmelitana u Banda QV f' Borgo Maggiore u fejn s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM talbet lill-Kunsill risposta u l-pużizzjoni tiegħu fuq din l-istedina.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kollu għandu juri kull rispett u jagħti l-appoġġ tiegħu, lill-Kunsillier Joseph D'Amato, għal mod kif s-Soċjeta' ppruvat tivvitimizzah bl-emails tagħha. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Il-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja lis-Sindku tal-appoġġ.

Is-Sindku qal li l-Kunsill hu awtorita' u ħadd m'għandu jitratta lil xi ħadd mill-Kunsilliera b'dan il-mod. Hu żied jgħid li l-istess soċjeta' aġixxiet kontra tliet membri tal-Kunsill f'amministrazzjoni preċedenti u jaf x'jista jħoss Kunsillier meta jiġi f'ilsien xi soċjeta'. Is-Sindku żied jgħid li anke fuq *Facebook* issemmiet din il-kwistjoni u intqal li kien is-Sindku li għamel tali komunikazzjonijiet, meta fil-fatt il-Kunsill qatt ma kien daħal fiha.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għalih dan il-każ hu magħluq u mhux ser ikompli jirrispondi jekk jerġa jirċievi xi email fuq dan ir-rigward, għax iħoss li qatt ma iddejjaq juri l-veduti tiegħu u jammetti li jkun żbalja meta jiġri xi każ. Hu żied jgħid li f'din l-istedina ma kien involut f'xejn u dejjem kien ċar fi kliemu u jippretendi li għandu jiġi emmnut. Il-Kunsillier Joseph D'Amato żied jgħid li d-diskussjonijiet ma' Borgo Maggiore dejjem kienu fuq l-orkestra tal-Kunsill Lokali u fuq l-ebda banda oħra.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jirrispondi fis-sens li:

- il-Kunsill ma kellu l-ebda indħil fl-istedina li saret lill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria f'Borgo Maggiore
- il-Kunsill għandu fiduċja sħieħa fil-verżjoni tal-Kunsillier Joseph D'Amato u jiddeplora l-emails u l-mod kif ġie ttrattat mis-Soċjeta'

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għall-inqas l-etika titlob li l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria kellha tinforma lill-Kunsill bit-trattattivi ma' belt

iġġemellat maż-Żurrieq, il-Kunsill kellu jkun infurmat biex ma jkunx hemm lok li jinħoloq dan id-diżgwied kollu.
Kien hemm qbil fuq dan u li l-Kunsill għandu jikteb lill-Għaqda Karmelitana u Banda QV f'dan is-sens.

Kien hemm qbil li qabel ma jiġu ċċirkulati l-ittri imsemmija għandhom ikunu approvati mill-Kunsilliera.

5.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stima ta' 791.30Euro li tinvolvi xogħol u installazzjoni ta' *spring rider* fi ġnien Mario Schembri.

Kien hemm qbil li tinġabar kwotazzjoni mill-Kumpanija li qed taħdem fl-istess ġnien, għall-bankijiet u f'seduta oħra l-Kunsill jiddeċiedi jekk għandhomx isiru bankijiet minflok spring rider. (skond il-prezz u skond jekk MCCAA tagħtix permess li jsiru tali bankijiet fiċ-ċentru tal-*playingfield)*

5.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet approvazzjoni ta' Transport Malta fuq il-parkeġġ tal-Misraħ Repubblika. **Dok 1 mehmuż**

Kien hemm diskussjoni fuq il-parti tat-talba li l-Kunsill għamel lil Transport Malta u ma ġietx approvata minħabba li l-policy il-ġdida għada ma tħabbritx.

Kien hemm qbil li għalkemm il-Kunsill qabel li ssir dik il-parti approvata minn Transport Malta, il-Kunsill għandu jibqa jinsisti biex it-talba tal-Kunsill tkun implimentata kollha.

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia nsista li s-CCTV għandha titneħħa. Ma kienx hemm qbil fuq dan.

5.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mis-Sur Aldo Zammit fejn ikkonferma li x-xogħol tal-bini u komunikazzjonijiet tas-servizzi kollha tal-propjeta' tiegħu jinsabu lesti sabiex issir il-bankina.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol meħtieġ tal-bankina.

5.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ġie offrut żewġ postijiet fejn il-Kunsill ikun jista jinstalla wifi bla ħlas (kontijiet tal-konsum iħallashom il-Kunsill). Din ġiet offruta mill-MCA.
Ma kienx hemm qbil li jiżdiedu aktar siti bil- wifi

minħabba l-ispejjeż li jirrikjedu.

5.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet emails minn residenti li joqgħodu viċin il-Bring in Site ta' Triq il-Barrieri fejn ilmentaw bl-irwejjah li jkun hemm.

Kien hemm qbil li minħabba li ż-żewġ siti qed jintużaw ħażin ħafna mir-residenti, għandhom jitneħħew fl-immedjat.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Kenneth Farrugia ġibed l-attenzjoni li dan qed jiġri minħabba li l-iskart qed jinġabar tard filgħodu u f'xi postijiet idum anke sas-13:00 u r-residenti qed imorru jpoġġuh fejn il-Bring in site. Hu ġibed l-attenzjoni ukoll li l-Kuntrattur mhux qed jiġbor l-iskart li jaqa' mill-boroż meta jitqattgħu.
Is-Sindku talab lill-Kunsillier Kenneth Farrugia biex jagħmel laqgħa mal-Kuntrattur u jiġbidlu l-attenzjoni.

5.4.8 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li bejjiegħ ta' gabbana tal-festa okkupa post ħaddieħor u għalhekk kien hemm qbil li din il-persuna tiġi nfurmata permezz ta' ittra li l-Kunsill ser jikkunsidra li ma jgħatihix aktar permess biex tarma fil-festi taż-Żurrieq.

Kien hemm qbil li meta jkunu ordnati l-*wardens* għas-servizz tal-festa, jiġu nfurmati biex l-irregolaritajiet li jiltaqgħu magħhom għandhom jieħdu passi fuqhom dak il-ħin stess.

## *5.5 Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – It-tieni kwart*

5.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda r-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena li ġie mħejji mill-accountant tal-Kunsill.
Dan ir-rapport ġie approvat.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa jekk l-ispejjeż li qed jagħmel il-Kunsill fil-Berġa tas-Saħħa, hux ser ikun kompensat għalihom mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku wieġeb li hu ffirma ftehim li tali spejjeż ser ikunu kompensati b'żieda fil-budget tas-sena 2016.

## *5.6 Estenzjoni ta' Kuntratt: DR67/02/14 Collection of Mixed Household Waste*

5.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-ġbir ta' skart bieb bieb wasal biex jerġa jiġġedded. Kien hemm qbil li minħabba li s-servizz mogħti hu sodisfaċenti tali kuntratt għandu jerġa jiġi mġedded għal sena oħra.

5.7 ***Monument tal-Madonna tal-Karmnu***

5.7.1 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li talab li dan l-item għandu jitla fl-aġenda ħalli l-Kunsill ma jiġrilux bħal ma ġralu fil-każ ta' punt numru 5.4.2. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li meta iċċirkola email lill-Kunsilliera kollha fejn talab lis-Segretarju Eżekuttiv tqajjem dan il-punt fuq l-aġenda, wara biss ftit minuti kellu sitt telefonati biex ma jindaħalx fil-każ, ħalli ma josakolax milli jsir il-monument. Ta' dan il-Kunsillier ħassu urtat għax ma pretendiex li l-email tiegħu toħroġ 'l barra mill-Kunsill u dan iktar u iktar meta hu qatt ma kellu l-intenzjoni illi jostakola l-istatwa imma biss illi l-Kunsill jiġbor l-informazzjoni biex ikun jaf x'qed jiġri.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li waqt il-kampanja elettorali hu kellu laqgħat maż-żewġ soċjetajiet. Waqt laqgħa li kellu mas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM inġibdet l-attenzjoni li kienu jinsabu urtati għal mod kif il-Kunsill ma tax permess biex titwaħħal plakka kommemorattiva fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard staqsa jekk issa b'dan il-preċedent, kull għaqda, każin, soċjeta' jew fondazzjoni tista twaħħal kull ma trid fuq il-bankini fiż-Żurrieq għaliex jekk dan huwa l-każ, il-Kunsill huwa maħtur għalxejn.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li jekk il-Kunsill kif elenka s-Sindku iktar qabel fil-laqgħa irid ikun awtorita' u jkollu r-rispett mis-soċjetajiet u r-residenti taż-Żurrieq allura kif daħal fil-każ tal-plakka kommemorattiva, kellu jidħol fil-każ tal-Monument tal-Madonna tal-Karmnu. Jew inkella setgħa ma daħal fl-ebda każ biex ma joħloqx preċedent. Hu żied jgħid li jħoss li l-Kunsill Lokali għandu jidħol f'kull ħaġa li ssir fiż-Żurrieq, bħala l-akbar awtorita' fir-raħal. Hu żied jgħid li ppretenda li l-Kunsill kellu jkun mgħarraf uffiċċjalment u mhux isir jaf waqt stedina tal-attivita' tal-festa, mall-kumplament tal-pubbliku.

5.7.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jistieden lill-Fondazzjoni 175 biex tattendi f'seduta tal-Kunsill li jmiss u tagħti spjegazzjoni tal-każ.

5.7.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qabel mal-Kunsillier Jean Pierre Attard u qal li l-Kunsill Lokali bħala awtorita' ġie maqbuż f'dan il-każ. Żied jgħid li bħlma l-Ġnien il-

Kunsill tal-Ewropa hu fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill, hekk ukoll hi kull bankina u triq fil-konfini taż-Żurrieq. Hu żied jgħid li f'kull każ f'dawn l-aĦar 20 sena ġie riferut lejn il-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato fakkar lill-kunsill fuq il-kwistjoni li darba kienet qamet meta soċjeta' ġabet permess minn TM biex tħaffer ħofor mingħajr il-permess tal-Kunsill.

5.7.4 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li t-talba li l-Fondazzjoni 175 kienet għamlet u li s-Sindku personalment kien ressaq fil-bidu tas-sena 2014 kienet ġiet diskussa waqt seduta tal-Kunsill u l-Kunsill talab aktar żmien biex jiddiskutieha qabel jagħti l-veduti tiegħu. Fil-fatt il-Kunsill talab il-veduti tal-Perit sabiex jara jekk kienx ser ikun hemm xi inkonvenjent lejn ir-residenti fost l-oħrajn. Tali tabla kienet saret biex il-monument isir fi Pjazza Mattia Preti u mhux kif il-Kunsill kien infurmat waqt l-attivita' li l-monument ser isir fl-entratura taż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li dan il-monument ser joħloq preċedent perikoluż ħafna fiż-Żurrieq. Hu żied jgħid li bħal ma jaf kulħadd hu għandu rispett kbir lejn l-Għaqda Karmelitana u Banda QV u konvint li hemm rispett reċiproku, liema rispett inħoloq matul il-ħidma tiegħu bħala Kunsillier, imma qed jibża bir-reazzjoni ta' għaqdiet oħra fiż-Żurrieq u kif ser jaġixxi l-Kunsill meta jkun hemm xi sitwazzjonijiet simili minn għaqdiet oħra.
Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill kollu jrid jerfa responsabilta komuni u magħquda għaliex il-Kunsilliera kollha jirrappreżentaw liż-Żurrieq kollu u mhux lill-għaqda waħda. Hu żied jgħid li l-Fondazzjoni 175 tefgħet lill-Kunsill f'pużizzjoni perikoluża ħafna u kulħadd jaf x'ser tkun ir-reazzjoni ta' għaqdiet oħra. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu bħala Kunsillier, hu kunsillier 24/7 u mhux għas-seduti tal-Kunsill biss u kull Kunsillier għandu jaġixxi b'dan il-mod. Semma li kien ikun aktar għaqli li kieku l-Fondazzjoni 175, poġġiet fuq il-mejda l-proġett għad-diskussjoni u jinstab ftehim komuni li vih kien ikun sodisfatt kulħadd.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qabel mal-Kunsillier Dino Bonnici u żied jgħid li r-rispett lejn il-Kunsill jinkiseb bid-dixxipplina u bis-serjeta' li juri l-istess Kunsill.

5.7.5 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard talab biex qabel is-seduta l-Kunsill ikollu l-PA number tal-monument jkun iċċirkolat lill-Kunsilliera kollha.
Il-Kunsilliera Jean Pierre Attard u Joseph D'Amato qalu li kull ma jsir fiż-Żurrieq għandu bżonn il-permess tal-Kunsill, u jekk ma jsirx hekk allura l-Kunsill jkun

qiegħed għal xejn.

5.7.6 Kien hemm qbil li għal seduta oħra:

- il-Kunsill jistieden lill-Fondazzjoni 175 u qabel jintalab l-PA number.
- Il-kunsill jieħu deċiżjoni ta' kif ser tkun il-pużizzjoni tiegħu jekk ikollu talbiet oħra simili.

***5.8 Memo18/2015 – Att dwar ir-responsabilita' fiskali***

5.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet Memo 18 għall-attenzjoni tal-Kunsill hekk kif ġiet mitluba li tagħmel mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
Il-Kunsilliera kkonfermaw li qraw il-kontenut tal-Memo.

F'dan il-ħin s-Sindku ħareġ mis-seduta u kompliet tippresjedi s-seduta l-Viċi Sindku Rita Grima ()in 20:20ħ

***5.9 Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

5.9.1 Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal:

- li kellu lmenti minn residenti ta' Triq Dun Mikiel D'Amato li minħabba li t-triq ġie *'one way'*, r-residenti qed isibuha diffiċċli biex jipparkjaw man-naħa tal-ġnien minħabba li l-ġnien hu mdawwar b*'railing* tal-ħadid u minħabba f'hekk qed taħbtilhom il-bieba tal-vettura tagħhom.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier David Abdilla jiċċekja l-każ u jirreferih għas-seduta li jmiss.

- Staqsa jekk il-patching fi Triq Ħal Far sarietx l-ordni għalih. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv imma nfurmat li f'din il-ġimgħa l-kuntrattur jinsab bil-vaganzi.

5.9.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fuq proposta tal-Kunsillier Jean Pierre Attard, iltaqgħa mal-Ambaxxatur tas-snooker f'Malta s-Sur Alex Borg, fejn wera x-xewqa li jorganizza tmien attivitajiet tal-isnooker biex jinġabru fondi għall-MCCF. Is-Sur Alex Borg xtaq li waħda mill-attivitajiet issir fiż-Żurrieq u ma issirx f'xi każin ta' xi għaqda, għalhekk ġie ssuġġeriet li ssir fil-Venue Bar. F'din l-attivita' ser ikun hemm preżenti l-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca.
Kien hemm qbil li l-Kunsill ikun involut fl-attivita' u jagħti l-għajnuna tiegħu biex issir promozzjoni meħtieġa.
F'dan il-ħin il-Kunsillier Dino Bonnici ħareġ mis-seduta

(ħin 20:45)

5.9.3 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ġie avviċinat minn residenti ta' Triq Wied Babu fejn ilmentaw li għall-ewwel xita li saret reġgħa daħlilhom kwantita ta' xita fil-*basements* tagħhom.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-Perit ta' Transport Malta – Edric Micallef fir-rigward, bil-ħsieb li jsir *culvert* mill-fondi ta' TM.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li l-problema tal-ilma kienet sa mill-bidu li saret it-triq taħt l-approvazzjoni tax-xogħol tal-Perit tal-Kunsill – il-Perit William Lewis.

5.9.4 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:

- s-sotto kumitat Ambjent qed jipproponi li jagħżel żewġ postijiet fiż-Żurrieq, li għandhom bżonn li jitnaddfu minn xi skart goff/ħaxix u bl-għajnuna tal-Green pak ser jiġu mnaddfa.
- Għalkemm il-kunsill qed iwaħħal tabelli biex ma jarmux skart fil-kantunieri u l-Kunsill jibgħat ittri fid-djar, xorta qed ikun hemm min jabbuża. Kien hemm qbil li l-kuntrattur ikun avżat biex ma jiġborx l-iskart tan-nies fi gzuz ħalli ma jagħtix lok għal abbuż.

5.9.5 Il-Kunsillier David Abdilla qal li fil-HOS tan-Nigret hemm bżonn li ssir manutenzjoni ta' bankina. Aktar dettalji ser jagħtihom lis-Segretarju Eżekuttiv.

5.9.6 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ġibdet l-attenzjoni fuq:

- ħafna ilma tax-xita jinġabar fi Vjal ix-Xarolla man-naħa tal-ħanut tal-hairdresser. Kien hemm qbil li fejn ġie ndikat jagħmel mal-konfini ta' Ħal Safi.
- Fi Triq Vincenso Caruana hemm bżonn li titwaħħal tabella biex ma jagħddux vetturi kbar. Kien hemm qbil li tintbagħat talba għall-approvazzjoni ta' TM.
- bżonn ta' mera fi Triq il-Ħaddiema fejn l-Armerija – kien hemm qbil li ser jiċċekja l-każ il-kunsillier David Abdilla.
- Talba biex Triq Santu Formosa ssir '*one way'* - Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li f'dik it-triq saret petizzjoni u TM talbet survey tal-perit tal-Kunsill fuq il-każ. Il-Perit ġie nfurmat imma għadu m'għamilx dak meħtieġ. Ser tfakkru biex isir ix-xogħol

Il-Kunsillier David Abdilla ħareġ mis-seduta (ħin 20:55)

5.9.7
- Il-Kunsillier Jean Pierre Attard informa lill-Kunsill li fi Triq Gian Ferli hemm bankina għandha bżonn ta' manutenzjoni. Ser iressaq aktar dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli jsir ix-xogħol meħtieġ.
- Ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ li jsir xi ħaġa fi Vjal ix-Xarolla k/m Triq Sant Andrija, minħabba l-periklu li jkollhom vetturi li ġejjin minn Triq Sant Andrija u jkunu jridu jilwu għall-Vjal ix-Xarolla. Ġie nnutat li diġa hemm mera li tigwidak.

5.9.8 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li waqt laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar li attendiet fin-nuqqas tas-Sindku, ġiet infurmata li l-Kunsill Lokali ser jingħata is-somma ta' 4,610Euro biex jintnefqu f'titjieb ħalli jiġu ffaċilitati il-ħajjiet tal-persuni b'diżabilita' fil-lokal. Hi ħejjiet rapport u tagħtu lir-Reġjun nofsinhar fuq il-bżonnijiet ta' aċċessibilta' li hemm bżonn fiż-Żurrieq. Infurmat ukoll li ser torganizza ħarġa għall-persuni b'diżabilita li jixtiequ jattendu.

## *5.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

5.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€34,468.29.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Pierre Farrugia u Joseph D'Amato.

## *5.11 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

5.11.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 16ta' Settembru, 2015 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta' Settembru, 2015.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**